

Brussell, 5 ta' Ġunju 2019
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0143(COD)

9426/19
ADD 1 REV 1

CODEC 1107
CLIMA 145
ENV 493
TRANS 347
MI 453

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni qed issegwi l-iżvilupp tekniku tal-Ġhodda għall-Kalkolu tal-Konsum tal-Enerġija tal-Vetturi (VECTO) bil-ħsieb li din tiġi aġġornata b'mod regolari u f'waqtu, fid-dawl tal-innovazzjoni u biex titqies l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda li jtejjbu l-effiċjenza tal-fjuwil tal-vetturi tqal.

2. Il-Kummissjoni tinnota l-qbil tal-koleġiżlaturi fir-rigward tal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, li jemenda d-Direttiva 96/53/KE mingħajr ma jistabbilixxi limitu ta' żmien espliċitu għat-traspożizzjoni tiegħu.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva 96/53/KE qed jiġu modifikati bid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE fir-rigward tal-limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-regoli speċjali dwar it-tul massimu fil-każ ta' kabini li jagħtu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika u prestazzjoni tas-sikurezza mtejba¹, li tipprevedi l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet ġodda mill-1 ta' Settembru 2020.

Minħabba din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex iwettqu malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-istess data, jiġifieri l-1 ta' Settembru 2020, kull adattament meħtieġ tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għall-Artikolu 20 tar-Regolament preżenti u biex jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 96/53/KE. B'hekk ma jkun hemm l-ebda ħtieġa għal proposta leġislattiva ulterjuri mill-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni.

¹ PE-CONS 40/19

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka

Il-Ġermanja, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka jappoġġaw it-test ta' kompromess. Nirrikonoxxu l-isforzi impenjati tal-Presidenza li tikkunsidra t-tħassib tagħna. Madankollu, il-Ġermanja, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka jixtiequ jenfasizzaw li l-qbil milħuq huwa ambizzjuż u joħloq sfidi kbar għall-manifatturi tal-vetturi, speċjalment fir-rigward tas-sena 2025. Fil-fehma tagħna, jeħtieġ b'mod urġenti li titkabbar l-infrastruttura tal-iċċarġjar Ewropea sabiex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni transfruntiera mingħajr restrizzjoni tat-teknoloġiji ta' motopropulsjoni elettrika. Dan jirrikjedi strateġija konċertata mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi tqal, meta mqabbla ma' eż. il-vetturi ħfief, tippreżenta sfidi ġodda u differenti. Il-Ġermanja, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka jenfasizzaw ukoll l-importanza li jitwettaq rieżami mill-Kummissjoni fl-2022 mingħajr konklużjonijiet mfassla minn qabel. L-elementi kollha ta' dan ir-rieżami, inkluż il-mandat li tiġi vvalutata l-possibbiltà ta' metodoloġija biex jitqiesu fjuwils alternattivi, huma importanti ħafna.
